MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-22 ta' Novembru, 2012

Avviz Numru. 70/2007

**Id-Direttur, Qrati Civili u Tribunali**

**vs**

**Nadine Pace Wismayer**

Il-Qorti;

Rat l-avviz permezz ta’ liema id-Direttur, Qrati Civili u Tribunali jesponi bir-rispett illi fil-11 ta’ Lulju, 2005 din l-Onorabbli Qorti akkordat ir-rikors ta’ Lex Consulta International Limited (C 27724) ghall-hrug ta’ mandat ta’ qbid kawtelatorju numru 1564/05 li gie dekratat b’mod definittiv kontra l-intimati – Dok A;

Illi permezz ta’ tali mandat ta’ qbid kawtelatorju, l-Marixall Carmel Camilleri, fit-12 ta’ Lulju, 2005 mar biex jesegwixxi l-mandat ta’ qbid fil-post Huntington Court, Suite no 7, New Street off Bay Junction, St. Julians, Malta.

Illi nonostante l-hrug tal-mandat ta' qbid kawtelatorju surreferit, b'disprezz ta' l-Ordni ta' din l-Onorabbli Qorti, d-debitrici Nadine Pace Wismayer bdiet tostakola l-Marixall Carmel Camilleri milli jesegwixxi l-mandat ta' qbid ghaliex bdiet issostni li hallset tali mandat u ghalhekk bdiet topponi illi tali mandat jigi ezegwit;

Illi permezz ta' rapport tal-Marixxal Carmelo Camilleri datat 13 ta' Lulju, 2005, l-imsemmi Marixxal gab ghal konjizzjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti dana kollu – Dok B.

Illi b'digriet tal-14 ta' Lulju, 2005 din l-Onorabbli Qorti ordnat li jinbdew kontra l-intimati proceduri ghal disprezz lejn l-awtorita' taghha ai termini tat-Titolu XVII tat-Tielet Ktieb tal-Kapitolu 12 – Dok C;

Illi ghalhekk qeghda ssir din il-kawza;

Ghal daqstant ghar-ragunijiet premessi l-attur qieghed jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Issib lill-intimata Nadine Pace Wismayer hatja ta' disprezz ghall-awtorita' taghha fit-termini tat-Titolu XVII tat-Tielet Ktieb tal-Kapitolu 12; u

2. Konsegwentement tikkundanna lill-istess intimata ghall-pieni preskritti mill-ligi fl-istess Titolu XVII fuq imsemmi.

Bl-ispejjez kontra l-intimata li minn issa hija ingunta in subizzjoni u bit-twissija li hekk ma tidhirx hija tista tigi mgieghla biex iwiegbu ghall-akkuzi bil-mezz ta' mandat ta' skorta jew ta' arrest.

Rat illi l-intimata kienet notifikata permezz tal-procedura ta' pubblikazzjoni u affissjoni u minkejja dan ma rregistratx objezzjoni ghat-talbiet tar-rikorrenti;

Semghet il-provi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza kienet istitwita mid-Direttur, Qrati Civili u Tribunali kontra l-intimata wara li l-Marixxall tal-Qorti rrapporta li ma hallitux jezegwixxi l-ordni tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) kif ravvizata f'mandat ta' qbid 1564/05;

Illi l-Marixxall tal-Qorti, Carmel Camilleri, ikkonferma permezz ta' affidavit in atti illi meta mar jesegwixxi l-mandat su riferit, l-intimata bdiet tinsisti li kienet gia hallset is-somma mitluba u meta staqsieha tipproduci r-ricevuta, din wiegbet illi kienu ghandhom fil-posta u waqqfitu milli jkompli jesegwixxi l-mandat;

Ikkonsidrat:

Illi ghalkemm l-intimata ma rregistrat ebda objezzjoni l-Qorti hi fi dmir li tikkunsidra dak kollu migjub quddiemha u mhux tghaddi ghas-sentenza bhal fil-kaz ta' kontumacja. Tajjeb illi jkun senjalat illi fis-sentenza **Registratur tal-Qrati Superjuri vs General Workers Union (GWU)** cit 2061/1999/1 deciza 29.5.2003 per Onor Mhallef Raymond C. Pace u **Registratur tal-Qrati Superjuri vs Kristinu Giordmaina** deciza 25.9.2003 per Onor Mhallef Joseph R. Micallef,  jemergi insenjament ferm studjat dwar il-principji regolanti l-proceduri ta' disprezz lejn l-awtorita' tal-Qorti.  Wiehed minn dawn il-principji hu li din hija essenzjalment procedura kriminali u l-procediment bic-citazzjoni jew bir-rikors ma jtellef xejn mill-aspett kriminali tal-kawza;

Illi ghalkemm l-intimata ma ressqet l-ebda objezzjoni kif gia inghad, jehtieg li jinzamm fil-mira l-insenjament appena riportat, jigifieri li dawn huma essenzjalment proceduri kriminali tant illi l-artikoli 997 u 998 tal-Kap 12 jirreferu ghall-konvenut jew intimat bhala l-***akkuzat*** u meta jirrizulta d-disprezz allura jissejjah ***il-hati*** li jista' jehel sahansitra hlas ta' multa jew prigunerija bhala piena. Termini dawn li ghandhom tifsira ferm sinjifikanti.  Wiehed mill-effetti ta' dan hu li la darba l-procedura hi essenzjalment wahda kriminali, mhux lecitu li l-intimata tkun gudikata *in absentia* Dan mhux konsentit mill-Kodici

Kriminali Kap 9 tant li ma jistghux isiru proceduri fl-assenza tal-imputat hlief waqt kumpilazzjoni, jekk notifikat u biss sa l-istadju fejn l-Avukat Generali ma kienx ghadu hareg l-artikolu. Fil-kaz ta’ disprezz u ordni ta’ mandat t’arrest, dan jista jinhareg jekk l-imputat ikun notifikat u ma jidhirx. Anqas ma huwa lecitu li l-intimata tkun notifikata bil-procedura tal-pubblikazzjoni u affissjoni ghaliex il-Kodici Kriminali Kap 9 irid illi n-notifika tal-akkuzat ssir direttament lilu u f’kaz li ma jistghax jinsab allura fid-dar fejn jirrisjedi, artikolu 362 Kap 9. Fil-kaz odjern, l-intimata kienet notifikata bil-procedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni. Inoltre, l-proceduri imxew fl-assenza taghha ghaliex qatt ma dehret ghas-seduti appuntati meta l-ligi fl-artikolu 998 tipprovdi li jekk l-akkuzat debitament imharrek jibqa’ ma jidhirx il-Qorti tista’ tordna li jingieb b’mandat ta’ skorta jew ta’ arrest. Dan ma setghax isir la darba din il-Qorti tqis illi n-notifika bil-pubblikazzjoni mhix n-notifika ravvizata fil-Kap 9;

Tajjeb li jkun puntwalizzat ukoll illi din il-procedura hija rizervata ghar-Registratur tal-Qorti u mhux ghad-Direttur Generali tal-Qrati u Tribunali. L-artikolu 1003A tal-Kap 12 jipprovdi li l-procedura ta’ disprezz ghandha tinbeda mir-Registratur. Ir-Registratur huwa dak il-persuna definita fl-artikolu 57 u 58 tal-Kap 12 li ghandu funzjoni ben distinta mid-Direttur tal-Qrati u ghalhekk anke hawn il-procedura segwita mir-rikorenti hija wahda monka;

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti ma tistghax tghaddi biex tikkundanna lill-intimata u per konsegwenza qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tar-rikors.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------